MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 466/2003

***Mobisle Communications Limited***

***vs***

***Joseph Degiorgio***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm590.37), rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 01991 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn Novembru 2001 u Gunju 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002 u, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Sammut ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm590.37), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------